**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 11 ta' Frar 2021**

**Rikors Numru 121/2019**

**Fl-Atti tal-Ittra Ufficjali numru 1003/2019 fl-ismijiet :**

**Awtorita` tal-Ippjanar**

**Vs**

**Steve Meli**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' **Steve Meli** pprezentat fid-19 ta' Gunju 2019 fejn ippremetta s-segwenti :-

*"1. Illi permess ta' Ittra Ufficjali pprezentata fir-registru tal-Qorti datata 5 ta' Gunju 2019, l-Awtorita' tal-Ippjanar interpellat lill-esponenti sabiex ihallas is-somma ta' tlett elef, hames mija u ghaxar Ewro €3,510.00) allegatament rapprezentanti hlas dovut lill-istess Awtorita' dovuta bhala multa ghal kull gurnata skont ir-regolament 3 tar-Regolamenti tal-2012 dwar Multi ghal Kull Gurnata (Avviz Legali 276 tal-2012) rigwardanti zvilupp minghajr permess ta' zvilupp kif specifikat fl-avviz ta' twettiq numru ECF208/17 matul il-perjodu mid-9 ta' Gunju 2018 sat-13 ta' Novembru 2018.*

*2. Illi l-esponent umilment jissottometti li din it-talba kif maghmula hija wahda infondata fil-fatt u fid-dritt billi l-istess Steve Meli ma effetwa ebda zvilupp kif allegat.*

*Ghaldaqstant l-intimat filwaqt li jirreferi ghal dan hawn fuq espost, umilment jitlob bir-rispett illi din il-Qorti joghgobha tiddikjara li l-ewwel talba tal-Awtorita' tal-Ippjanar kif dedotta hawn fuq hija zbaljata fil-fatt u fid-dritt u t-*

*tieni konsegwentement tiddikjara l-imsemmija ittra ufficjali nulla u li ma tikkostitwixxix titolu ezekuttiv. Bl-ispejjez."*

Rat ir-risposta tal-Awtorita` tal-Ippjanar ipprezentata fit-8 ta' Lulju 2019 li permezz taghha eccepiet is-segwenti :-

*"Illi r-rikors ta' Steve Meli ghandu jigi michud, billi:*

*1. Ma hux assolutament minnu li t-talba ghall-hlas tal-Awtorita' esponenti kif kontenuta fl-ittra ufficjali tal-5 ta' Gunju 2019 hi infondata fil-fatt u fid-dritt. Proprju bil-kontra ta' dan – kif ser jirrizulta waqt is-smigh ta' din il-kawza – l-istess talba ghall-hlas hi gusta u misthoqqa fil-ligi.*

*2. Illi r-rikorrent ma jistax jinqeda b'dawn il-proceduri biex jikkontesta l-mertu tal-enforcement notice numru 208/17. Kemm-il darba r-rikorrent ried li jaghmel dan – jigifieri jikkontesta l-mertu tal-enforcement notice fuq il-bazi tal-allegazzjoni li "ma effetwa ebda zvilupp kif allegat" – huwa kellu jirrikorri ghar-rimedju opportun disponibbli ghalih skont il-Ligi, li hu dak ta' appell mill-istess enforcement notice quddiem it-Tribunal tar-Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar a tenur tal-Artikolu 36 tal-Kap. 551 tal-Ligijiet ta' Malta. Ir-rikorrent naqas milli jressaq appell mill-imsemmija enforcement notice u allura huwa gie li ssokkomba u accetta l-ordni kontenuta fl-istess Avviz.*

*3. Illi peress li r-rikors hu karenti ghalkollox mir-ragunijiet li dwarhom Steve Meli qieghed isejjes l-oggezzjonijiet tieghu, u ghalhekk l-Awtorita' ma setghetx tressaq risposta aktar dettaljata, l-Awtorita' tirriserva li tressaq risposta ulterjuri jekk ikun il-kaz, dejjem bil-permess ta' din il-Qorti.*

*Illi ghar-ragunijiet premessi, it-talba sabiex il-Qorti tiddikjata t-talba tal-Awtorita' intimata bhala wahda infondata ghandha tigi michuda, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent."*

Rat l-affidavit tar-rikorrenti u d-dokumenti annessi mieghu;

Semghet lil Marthese Debono in rapprezentanza tal-Awtorita` intimata;

Semghet it-trattazzjoni;

Rat illi l-kawza giet imhollija ghal-lum ghal decizjoni.

**Ikkunsidrat :**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi r-rikorrent gie notifikat b'ittra ufficjali datata 5 ta' Gunju 2019 fejn l-Awtorita` intimata interpellatu jhallas is-somma ta' tlett elef, hames mija u ghaxar ewro (€3510) rapprezentanti hlas dovut bhala multa rigward zvilupp minghajr permess u dan skont Avviz ta' Biex Tieqaf u ta' Twettiq numru 208/17 b'referenza ghall-perjodu mid-9 ta' Gunju 2018 sat-13 ta' Novembru 2018.

Illi fir-rikors ipprezentat minnu r-rikorrent jishaq illi tali talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li huwa ma ghamel ebda zvilupp illegali kif allegat.

Illi fl-affidavit tieghu **r-rikorrent** jispjega illi huwa ghandu permess ta' *hawker* biex ibiegh ikel, xorb u prodotti tat-tabakk. Huwa jezercita dan in-negozju minn gabbana fuq ir-roti, liema gabbana ipparkjaha f'parkegg gewwa Wied il-Ghajn. Peress li sar jaf li l-istess parkegg jaqa' taht l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali, huwa hallas lill-Kunsill ghall-posta u wkoll hallas permess lill-istess Kunsill biex jarma erba' umbrellel u mwejjed, f'*area* ta' seba' (7) metri kwadri.

Jispjega li meta l-Awtorita` baghtitlu xi ittri li qieghed hazin u rcieva multa, huwa kellem Perit li beda xi proceduri biex jirregola ruhu. Sa dan it-tant huwa baqa' jhallas il-permess ta' *hawker* u l-permessi tal-Kunsill Lokali. Jispjega li meta rcieva l-ittra ufficjali huwa intavola l-proceduri odjerni u dana ghaliex il-gabbana mhix wahda permanenti ad eccezzjoni meta kellu jibqa' fuq il-post peress li ghalquh b'xi karozza jew inkella meta kienu qeghdin jaqilghu it-triq principali.

**Marthese Debono**, rapprezentant tal-Awtorita` intimata, xehdet illi l-proceduri odjerni bdew wara rapport lill-Awtorita` illi fis-sit in kwistjoni kien hemm vettura pparkjata li kellha pjattaforma u mad-dawra taghha kellha l-imwejjed u s-siggijiet. Wara verifiki li ghamlet l-Awtorita` irrizulta li kien sar zvilupp li kien jikkonsisti f'gabbana impoggija b'mod permanenti f'parkegg pubbliku u li madwarha gew impoggija mwejjed u siggijiet fuq bankina pubblika. Dan kollu

jammonta ghal bdil tal-uzu tal-art u zvilupp minghajr permess. In vista ta' dan harget Ordni ta' Infurzar fit-23 ta' Awwissu 2017 li giet notifikata lir-rikorrent.

Debono spjegat illi meta persuna tircievi Ordni ta Infurzar huwa ghandu jieqaf immedjatament milli jkompli bl-attivita` illegali li jkun hemm fuq is-sit u wkoll irid inehhi kull zvilupp li sar u jregga' s-sit lura kif kien qabel. Dan kollu jrid isir fi zmien sittax (16)-il gurnata. Alternattivament, il-persuna tista' thalli l-izvilupp u jipprova jissanah u dan billi jissottometti applikazzjoni jew jaghmel appell mill-Ordni ta' Infurzar.

Debono spjegat illi r-rikorrent ma intavolax appell mill-Ordni ta' Infurzar pero` kien hemm applikazzjoni, liema applikazzjoni kienet giet irtirata wara li l-Awtorita` ta' l-Artijiet ma tatx l-approvazzjoni taghha sabiex isir l-izvilupp fuq l-art pubblika. Tispjega li ghalhekk l-ufficjali tal-Awtorita` kienu jmorru jaghmlu *random checks* u innutaw li l-illegalitajiet baqghu fuq is-sit. Madankollu jirrizulta illi fis-17 ta' Jannar 2020 l-Awtorita` kienet giet infurmata mir-rikorrent illi kien nehha l-gabbana.

**Ikkunsidrat :**

Illi b'dawn il-proceduri r-rikorrenti qieghed jipprova jimpunja ittra ufficjali pprezentata mill-Awtorita` intimata fejn gie mitlub ihallas l-ammont ta' tlett elef, hames mija u ghaxar ewro (€3510) rapprezentanti multa wara li naqas milli jnehhi illegalitajiet fuq sit f'Marsaskala wara Avviz biex Tieqaf u Twettiq notifikat lilu fl-4 ta' Settembru 2017.[1]

Illi r-rikorrenti jishaq illi ma kellu l-ebda illegalitajiet ghaliex huwa kellu permess ta' *hawker* u permessi mill-Kunsill Lokali ta' Marsaskala ghall-posta u biex jarma mwejjed u siggijiet quddiem l-istess gabbana. Huwa esebixxa kemm il-permess ta' *hawker* u wkoll hamsa u erbghin (45) « applikazzjoni ghal twaqqif ta' xi posta jew kiosk » li jkopru l-perjodu bejn is-6 ta'

[1] Dokumenti MD1 u MD2 a fol. 86 sa 88

Gunju 2018 sal-11 ta' Novembru 2018. Illi pero` ma jirrizultax, kif xehed ir-rikorrenti, illi huwa kellu xi permess biex ipoggi xi mwejjed u siggijiet fuq art pubblika.

Illi din il-Qorti ma tistax ma tirrilevax illi dak li kien qieghed isir, u *cioe`* li kull tlett ijiem johrog permess mill-Kunsill Lokali ghal tali posta kien qieghed isir b'mod abuziv. Illi tali permess mhux intiz sabiex wiehed ipoggi gabbana b'mod permanenti f'sit partikolari. Tali permess huwa sabiex titpogga gabbana b'mod temporanju bhal perezempju f'xi festa jew xi attivita` kulturali f'xi rahal jew belt. Dan johrog bic-car anke mid-dicitura tal-istess permess fejn hemm imnizzel li l-hlas kien qieghed isir *« ghat-twaqqif ta' xi post jew kiosk f'xi triq ghal kull perjodu ta' tlett granet jew parti minnhom... ».* Minkejja dan, jirrizulta li l-Kunsill Lokali hareg permess kull tlett (3) ijiem lir-rikorrent ghal kwazi hames (5) xhur.

Illi l-Qorti tinnota li la l-permess ta' *hawker* u lanqas il-permessi tal-Kunsill Lokali ma jistghu jissostitwixxu l-permess li wiehed irid jottjeni minghand l-Awtorita` intimata sabiex jaghmel uzu minn art pubblika ghal skop kummercjali u dan stante li jkun qieghed isir bdil tal-uzu tal-art li jammonta ghal «zvilupp » ai termini tal-artikolu 70 (2) tal-Kapitolu 552 tal-Ligijiet ta' Malta. Tali zvilupp ried l-approvazzjoni, fost awtoritajiet ohra, tal-Awtorita` intimata.

Illi kif qalet tajjeb id-difensur tal-Awtorita`, ir-rikorrent ma jistax b'dawn il-proceduri igib fix-xejn l-effetti tal-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq notifikat lilu. Huwa kellu kull opportunita` li jattakka tali Avviz permezz ta' appell intavolat quddiem it-Tribunal tar-Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, pero` dan evidentement m'ghamlux. Minflok huwa ghamel applikazzjoni mal-istess Awtorita`, li eventwalment giet irtirata minnu peress li ma gabx l-approvazzjoni tal-Awtorita` ta' l-Artijiet biex juza l-art pubblika ghal skop kummercjali. Illi ghalhekk dak li kellu jaghmel ir-rikorrenti kien li jnehhi l-illegalitjiet minnu kommessi. Dan evidentement sar biss fis-17 ta' Jannar 2020.

Ghaldaqstant, jirrizulta ampjament car illi r-rikorrenti m'ghandu l-ebda difiza ghall-pretensjonijiet tal-Awtorita` kif kontenuta fl-ittra ufficjali in kwistjoni. Ma jirrizulta li hemm xejn infondat fit-talba maghmula mill-Awtorita` ghall-hlas ta' multa li kienet ghaddejja kuljum, liema multa r-rikorrent kien ben konsapevoli taghha stante li hija spjegata car fl-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq.

Ghaldaqstant m'hemm l-ebda raguni ghala din il-Qorti ghandha tiddikjara li l-ittra ufficjali Numru 1003/19 hija nulla jew li ma tikkostitwixxix titolu ezekuttiv.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qieghda tichad it-talbiet tar-rikorrenti u tilqa' l-eccezzjonijiet tal-Awtorita` intimata u kwindi tiddikjara illi l-Ittra Ufficjali Numru 1003/19 hija valida ghall-effetti kollha tal-Ligi u tikkostitwixxi titolu ezekuttiv fil-konfront tar-rikorrent.

Bl-ispejjez ta' din id-decizjoni a karigu tar-rikorrent.

______________________

**Dr. Charmaine Galea**
**Magistrat**

___________

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**